**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 3**

**Avviz. numru 1047/01JR**

**Nathalie Debono**

**vs**

**Albert Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fl-24 ta' Settembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1176.50), u fejn intqal:**

**Illi peress li l-attrici kienet taghat b'titolu ta' self lill-konvenut l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) li kellhom jithallsu lura sal-14 t'Awissu, 2001; inoltre l-konvenut ghandu jhallas interessi legali ta' 8% fis-sena mill-14 t'Awissu, 2000 sad-data tal-hlas effettiv; u**

**Peress illi l-attrici kienet avzat lill-konvenut li riedet tiehu lura dawn il-flus fi Frar, 2001; u**

**Peress illi nterpellat biex ihallas lura dawn il-flus il-konvenut baqa' nadempjenti; u**

**Peress illi inoltre l-konvenut ha proprjeta` ta' l-atturi li tikkonsisti fis-segwenti: rota (mountain bike) li tiswa mija u tletin lira Maltija (Lm130.00), tlett xugamani li jiswew sittax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm16.50) u maskla tal-bughaddas li tiswa tletin lira Maltija (Lm30.00) – b'kollox mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm176.50); u**

**Peress illi ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ta' elf u mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1176.50);**

**Talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ta' elf u mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1176.50). Bl-ispejjez u fuq is-somma ta' mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm176.50) bl-interessi tat-8% mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u fuq is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00) bl-interessi tat-8% mill-14 t'Awissu, 2000 sad-data tal-hlas effettiv u fuq il-kumplament.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-23 ta' Ottubru, 2001, li fiha intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li:**

i. **Il-konvenut huwa kreditur ta' l-attrici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
ii. **Minghajr pregudizzju ghall-premess l-imghax ta' 8% ma kellux jiddekorri minn Awissu, 2000;**
iii. **Fir-rigward ta' l-oggetti, t-talba kella tkun sabiex dawn jigu ritornati lill-attrici u mhux ghall-hlas ta' somma flus;**
iv. **L-attrici ghandha fil-pussess taghha oggetti appartenenti lill-konvenuti, u qieghda tirrifjuta li tirritornahom;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.**

**Ra l-affidavit ta' Natalie Debono.**

**Ra n-nota konguntiva tal-partijiet prezentata fid-9 ta' Mejju, 2002, li fiha l-konvenut ammetta it-talba taht il-modlaitajiet hemm indikati.**

**Ghaldaqstant in vista tan-nota konguntiva prezentata it-Tribunal fuq ammissjoni qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00), b'dana li l-pagament isir f'hames pagamenti mensili ugwali ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) il-wiehed. L-ewwel pagament ghandhu jsir sal-15 ta' Mejju, 2002, u l-**

**pagamenti l-ohra fil-15 il-jum ta’ kull xahar sussegwenti. Dan il-hlas ghandu jsir minghajr interessi. B’dana pero` li f’kaz li l-konvenut jonqos milli jhallas pagament wiehed, l-attrici tkun tista’ tesegwixxi fuq il-bilanc dovut u l-imghax mid-9 ta’ Mejju, 2002, u l-konvenut jitlef il-beneficcju tat-terminu.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**